**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Gunju 2023**

**Avviz nru: 267/2021 MLF**

**Maria M. Bezzina**

**vs**

**Etienne Ciantar**

Il-Qorti;

1. Rat ir-rikors ta' Maria M.Bezzina detentur tal-karta tal-identita numru 293261M fejn tablet lill-konvenut Etienne Ciantar ihallasha l-ammont ta' sebat elef ewro (€7,000) bilanc ta' somma akbar fuq bejgh ta' karozza minnu accettat

   Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut

2. Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas li jipprezenta risposta u li jidher fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2023

3. Rat li fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2023 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut

4. Rat li fis-seduta tal-lum il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, ghalkemm debitament notifikat u ghalhekk il-Kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr

5. Rat ukoll l-atti kollha ta' din il-procedura u d-dokumenti esebiti minn fejn jirrizulta li t-talba hi gustifikata.

6. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sebat elef euro (€7,000) bl-imghax legali mill-20 ta' Mejju 2023 – data tan-notifika tar-rikors promotur sad-data tal-hlas effettiv

7. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, ghandhom jigu subiti mill-konvenut

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**